MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2009

Numru. 962/2002

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JEFFREY CILIA**

**KONTRA**

**BRIAN AGIUS ta’ 31 sena, iben missier mhux maghruf u Terese nee’ Agius, imwieled Tal-Pieta’ nhar it-2 ta’ Settembru, 1978, residenti fil-fond Flat 2, Binja Hesri, Siggiewi, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 490578M;**
**OMISSIS;**
**JOSEPH CALLEJA ta’ 31 sena, iben il-mejjet Joseph u Lucia nee’ Salerno, imwieled Tal-Pieta’ nhar is-27 ta’ Gunju, 1978, residenti fil-fond Block G, Flat 8, Binja Santa Venera, Santa Venera, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 300578M;**
**OMISSIS;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **Brian Agius** u **Joseph Calleja**:

1. F’xi hin matul il-lejl ta’ bejn l-24 u l-25 ta’ Novembru, 2000 fil-Mosta, bil-hsieb li jaghmlu delitt u cioe’ dak ta’ serq mill-hanut Netware, urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ taghhom, u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, hin u valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000.00) ghad-detriment ta’ Carmel Caruana;

2. U aktar talli f’xi hin matul il-lejl ta’ bejn l-24 u l-25 ta’ Novembru, 2000 f’Birkirkara, bil-hsieb li jaghmlu delitt, u cioe’ dak ta’ serq minn go *Showroom* numru 37, Triq Santa Marija, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ taghhom, u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, hin, u valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000.00) ghad-detriment ta’ tal-kumpanija Western Agency Co Ltd;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lokalitajiet, u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara taccedi l-hamsin lira Maltin (Lm50.00) izda mhux il-hames mitt lira Maltin (Lm500.00) ghad-detriment ta’ Carmel Caruana tal-kumpanija Western Agency Co Ltd;

4. U aktar talli saru recidivi ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija lilhom mill-Qrati ta’ Malta, diversament preseduta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

Lil **Brian Agius wahdu**:

5. Talli f’xi hin matul il-lejl ta’ bejn l-24 u l-25 ta’ Novembru, 2000 fis-Siggiewi, ikkommetta serq ta’ vettura ta’ l-ghamla Ford Escort LAI 515, liema serq huwa

kkwalifikat bil-mezz, hin, xorta tal-haga misruqa, u valur li jeccedi l-mitt lira Maltin (Lm100.00) izda mhux l-elf lira Maltin (Lm1,000.00) ghad-detriment ta’ Lawrence Salerno;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, xjentement b’kull mod li jkun, laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misurqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

7. U aktar talli nhar il-25 ta’ Novembru, 2000 ghall-habta ta’ l-erbgha ta’ fil-ghodu, f’San Gwann, ikkommetta serq ta’ vettura ta’ l-ghamla Austin Mini Minor HAE 859 liema serq huwa kwalifikat bil-hin, xorta tal-haga misruqa, u valur li jeccedi l-mitt lira Maltin (Lm100.00) izda mhux l-elf lira Maltin (Lm1,000.00) ghad-detriment ta’ Emanuel Caruana.

Rat li fl-ewwel seduta l-ko-imputati Noel Calleja u Stefan Montebello ammettew l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom – ghaldaqstant din id-decizjoni hija biss fil-konfront ta’ Brian Agius u Joseph Calleja stante li giet ordnata s-separazzjoni tal-gudizzju;

Rat li fi stadju ta’ interrogatorju Brian Agius ammetta ghall-akkuzi ta’ serq taz-zewg vetturi – allura ghall-akkuzi ta’ serq ta’ vettura Ford Escort LAI 515 u vettura Austin Mini HAE 859.

Minn naha tieghu Joseph Calleja fl-istadju ta’ interrogatorju ma ammetta ghall-ebda akkuza. Pero aktar tard fil-mori tal-kawza rregistra ammissjoni (seduta ta’ nhar it-03.12.2004) liema ammissjoni regghet giet ikkonfermata. Din l-ammissjoni regghet giet ikkonfermata fis-seduta ta’ nhar is-27.02.2009.

Hawn il-Qorti ma tistax ma tghaddix kumment dwar it-tul taz-zmien illi hadet din il-kawza ghar-ragunijiet imputati lill-

istess akkuzati, bin-nuqqas ta' dehra taghhom, gieli anke ghax mhux notifikati, u anke bi tkaxkir tad-Difiza biex tressaq il-provi taghha.

Rat ukoll l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali a folio 117(arronjament mibghuta kontra l-akkuzati kollha). Rat f'dan ir-rigward in-nota ta' l-Avukat Generali a folio 130.

Rat li moqrija l-Artikoli hawn that riprodotti:

Rat l-Artikoli mibghuta fil-konfront ta' Brian Agius:

a. L-Artikoli 18, 41(1)(a), 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278, u 279 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. L-Artikoli 18, u 325 talk-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. L-Artikoli 18 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. L-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll l-Artikoli mibghuta mil-konfront ta' Joseph Calleja u cioe':

a. L-Artikoli 18, 41(1)(a), 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, u 279 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. L-Artikoli 18, 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-imputati ghal proceduri sommarji.

Rat li fil-konfront ta' Brian Agius gie mitlub, ordnat u ezebit (wara hafna zmien) *Pre-Sentencing Report*. Rat ghalhekk l-istess rapport ezebit a folio 148 *et seq* ezebit bhala DOK BA minn Carmen Nyguard. Rat anke b'attenzjoni s-suggerimenti li hemm fl-istess rapport.

Illi fil-konfront ta' Brian Agius kif diga' inghad dan gia' kien ammetta ghall-akkuzi ta' serq taz-zewg vetturi. Stranament - pero kif kien id-dritt tieghu, ghazel illi ma jammettix ghall-akkuzi l-ohrajn. Fil-fatt ghandu jinghad ukoll illi nonostante dak li qal l-istess Agius fl-istqarrija tieghu, cioe' li marru (hu flimkien ma' guvintur ohrajn) ghand *dealer* tal-karozzi go Birkirkara, fejn hu pprova jisgassa l-bieb bit-turnavit kif ukoll li l-Mosta ppruvaw jisirqu hanut tat-*telecels*, billi tellghu *bricks* mal-vetrina, ma

jwassalx sal-grad ta’ prova li trid il-Ligi biex tigi ppruvata htija f’dan ir-rgiward (folio 44 – 45). Dan nonostante li ttellghu jixhdu sidien ta’ l-istess stabbilimenti cioe’ Charles Bianco ghall-Western Co Ltd *auto dealer*, u Charlie Caruana ghal Netware tal-Mosta, ma ngabet ebda prova ta’ ness bejn dak mistqarr mill-istess Agius u dak illi gara fl-istabbilimenti msemmija.

Rat ukoll il-*Pre-Sentencing Report* ordnat, redatt u ezebit fil-konfront ta’ Joseph Calleja redatt mill-Ufficju tal-Probation Mary Grace Vella.

Ghandu jinghad illi fiz-zewg rapporti l-Ufficjali tal-Probation it-tnejn kienu kontra piena karcerarja, anzi jissugerixxu *Probation*.

Rat ukoll ix-xhieda mressqa quddiem din il-Qorti in konsiderazzjoni tal-piena idonea li ghandha tigi nflitta.

Fil-konfront ta’ Brian Agius, l-Ispettur Abraham Zammit *quo* Direttur tal-Habs xehed illi Agius bhala dixxiplina ma tantx kellu nkwiet. Jiddeskrivieh bhala bniedem biezel tant li jaqla’ flus mill-*piece work* li kien jaghmel fil-Facilita’, tant li anke infetahlu kont bankarju.

Minn naha tieghu Fr Carmel Pulis xehed illi kien ilu jaf lil Agius minn tfulitu gewwa dar San Guzepp. Tkellem fuq il-kapacitajiet ta’ Agius u l-bzulija tieghu. Tkellem kemm hu stmat gol-Habs u bi qbil mal-Isptetur Abraham Zammit fahhar ix-xoghol li kien qieghed jaghmel gewwa l-Habs.

Anke Romina Scerri *Social Worker* mal-Habs ittellghet tixhed dwar kemm hu biezel Agius u dwar il-pjanijiet li kellu ta’ xoghol meta johrog mill-Facilita’.

Dr Joseph Spiteri wkoll xehed a favur Agius, dwar il-problemi li kellu a bazi familjari, problemi li kellu fuq livell psikologiku, u l-progress li ghamel f’dan l-aspett.

Ittellghet ukoll tixhed certa Maryanne Agius, anke fil-konfront ta’ Brian Agius. Din tigi oht Agius. Anke din

xehdet fuq il-problemi li Brian tfacca go daru specjalment il-pressjoni li sofra taht idejn huh Michael Agius li sahansitra li huh Michael kien jibaghtu jisraq.

Is-Supritendent Abraham Zammit rega’ ttella’ jixhed din id-darba fil-konfront ta’ Joseph Calleja, dwar il-fatt illi kien (dak iz-zmien fil-process) ser jibda programm kontra l-abbuz tad-droga.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti qieghda wara li kkonsidrat l-ammissjonijiet u dak kollu premess issib htija fil-konfront ta’ Brian Agius wara li rat l-Artikoli 18, 261(c)(g), 267, 271(g), 278, 279 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta – cioe’ hati ta’ serq aggravat u tar-recidiva. Tilliberah mill-kumplament ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu, cioe’ dak ta’ attentat ta’ serq, hsara volontarja, u ricettazzjoni skond l-Artikoli fil-paragrafu a, b, u c kif premess, in kwantu li ma gewx ippruvati.

Issib htija fil-konfront ta’ Joseph Calleja, wara li rat l-Artikoli 18, 41, 261, 263, 276, 270, 278, 279, 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Tilliberah mill-akkuzi ta’ hsara volontarja (skond dak lilu addebitat fil-paragrafu b ta’ l-Artikoli).

Dwar il-piena din il-Qorti hasbet fit-tul fuq dak illi ghandha tkun il-piena idonea ta’ kull imputat, tenut kont ta’ dak li gie redatt fil-*Pre-Sentencing Report* tat-tnejn, u dak li semghet fix-xhieda prodotta dwar il-piena. Bla dubbju ta’ xejn dawn iz-zewg guvintur kienu t-tnejn afflitti minn problemi personali serji. Pero din il-Qorti wara li ezaminat il-fedina penali taghhom ikkunsidrat opportunitajiet kollha lilhom moghtija thoss li l-piena idonea ghandha tkun wahda karcerarja effettiva li pero in vista’ tal-progress, specjalment li sar fil-konfront ta’ Brian Agius, ser izzomm fil-minimu taghha.

Ghaldaqstant qieghda tikkundanna lil Brian Agius ghal piena karcerarja effettiva ta’ tmintax(18)-il xahar wara li rat l-Artikoli 17, 18 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fil-konfront ta’ Joseph Calleja tikkundannah ghal piena karcerarja effettiva ta’ tminax(18)-il xahar ukoll wara li rat l-Artikoli 17, 18 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------